MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 144/2005

**Middlesea Insurance plc (C 5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Saliba sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Anthony Saliba (ID 514243 M)**

**Vs**

**Johann Said**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta Jannar 2005 fejn
intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma
ta mitejn u tmienja u tletin lira u hames centezmi (Lm238.05) rapprezentanti valur ta' hsarat kagunati fil-vettura tal-attur numru FAH 873 f'incident stradali li sehh fil-25 ta Gunju 2004 gewwa l-By Pass ta' San Pawl il-Bahar meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru ABB

202 ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 24 ta' Novembru 2004 u ta' ittra ufficcjali ohra prezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 2 ta' Frar 2005 fejn ikkontesta ir-responsabbilita tal-incident in kwistjoni u kwindi m'ghandux jigi kkundannat ihallas ebda danni u b'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

L-incident in kwistjoni sehh fil-By Pass ta' San Pawl il-Bahar biz-zewg vetturi involuti sejrin fl-istess direzzjoni u cioe mix-Xemxija ghal Bugibba.

L-attur ighid li huwa kien miexi bil-mod isegwi t-traffiku. Kien qed izomm boghod xi vettura u nofs jew tnejn mill-vettura ta quddiemu. F'hin minnhom trakk li kien parkeggjat il-quddiem minnhom qabad u qala' u beda jsuq lejn nofs it-triq. Appena saret din il-manuvra kemm il-vettura ta' quddiemu u kif ukoll l-attur applikaw il-brakes. F'dan il-mument kien hemm distanza ta' madwar tliet piedi ghal vettura ta' quddiemu. L-attur isostni li hekk kif applika l-brakes hass daqqa fuq in-naha ta' wara tal-vettura tieghu u li per konsegwenza tefghetu ghal fuq il-vettura ta' quddiemu. Din il-verzjoni huwa jsostniha anke in kontro-ezami u jinsisti li kien hemm daqqa wahda biss u li kienet din id-daqqa li tefghetu ghal fuq ta' quddiemu. Fuq domanda tat-Tribunal l-attur ighid illi bejn il-mument li waqaf u l-mument li hass id-daqqa ghaddew xi zewg sekondi.

Ryan Cassar li jigi s-sewwieq tal-vettura quddiem dik ta' l-attur jikkonferma bejn wiehed u iehor il-verzjoni tal-attur dwar id-dinamika tal-incident. Hu jghid li kellu jwaqqaf il-vettura tieghu minhabba trakk li kien hiereg ghal got-triq minn rampa fil-genb u fil-mument li kien wieqaf hass daqqa fuq wara. Meta nizel mill-vettura nnota li kien hemm zewg vetturi u mhux wahda mahbuta fil-vettura tieghu. Hu jsostni li daqqa wahda biss hass fuq il-vettura tieghu.

Il-konvenut jikkonferma hu wkoll il-verzjoni moghtija miz-zewg sewwieqa ta' quddiemu dwar id-dinamika tal-incident bid-differenza li huwa jallega li meta habat ossia mess kemm kemm mal-vettura tal-attur, din ta' l-ahhar kienet gia mahbuta mal-vettura ta' quddiemha. Hu jallega li tant l-impatt kien minimu mal-vettura ta' quddiemu li huwa stess ma kellu ebda hsara u esebixxa zewg ritratti markati Dok JS 1 u JS 2 biex jenfasizza dan il-punt. Ighid ukoll li anke l-Mercedes ma kellha ebda hsara kif jidher mir-ritratti JS 3 u JS 4. Isostni li kif hareg mill-vettura u tal-Mercedes ra li ma kellu xejn fuq wara, dan ta' l-ahhar qallu li seta' jitlaq minn fuq il-post pero xorta wahda hallielu l-particulars tieghu. Kien biss xi erbat ijiem wara li kkomunika mieghu tal-Mercedes sabiex timtela l-formola. In kontro-ezami jinsisti li meta sehh l-impatt bejn il-Mercedes u ta' quddiemu huwa kien imbieghed b'xi tliet metri.

Illi l-kwistjoni kollha f'dan il-kaz huwiex liema impatt sehh l-ewwel cioe dik ta' l-attur ma ta' quddiemu jew dik tal-konvenut ma ta' l-attur. Il-fatt li s-sewwieq ta' l-ewwel vettura jghid li hass daqqa wahda ma tantx tghin peress illi fi kwalunkwe kaz mit-tnejn fuq esposti huwa kien ser ihoss daqqa wahda. Illi hemm certi fatturi pero li aktar jaghtu kredibbilita lil verzjoni moghtija mill-konvenut minn dik ta l-attur. Kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, ir-ritratti esebiti mill-konvenut juru li d-daqqa li qalghet il-Mercedes minn wara ma kinietx daqstant kbira. Difatti anke l-entita zghira tal-hsarat kagunati jindikaw dan. Apparti minnhekk it-Tribunal isibha ferm difficli li jemmen li l-attur halla lill-konvenut isuq minn fuq il-post jekk tassew dan kien tefghu ghal fuq il-vettura ta' quddiemu. Jinghad

ukoll li l-fatt li l-formola bejn il-kontendenti mtliet wara l-incident sahansitra erbat ijiem wara tikkorobora l-verzjoni tal-konvenut fejn xehed li tal-Mercedes qallu li setgha jsuq ‘l hinn ghax ma kellux hsarat fuq wara u mhux il-ghaliex il-konvenut qabad u telaq ‘l hinn minn jeddu. Difatti l-attur stess ighid li a tempo vergine l-konvenut kien dispost li jhallas biss ghall-ispejjes tal-bumper ta wara.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut kien biss responsabbli ghal hsarat kagunati fil-vettura tal-attur fuq in-naha ta’ wara stante li rrizulta li fil-mument tal-impatt bejn il-kontendenti l-attur kien gia mahbut mal-vettura ta’ quddiemu kwindi jilqa’ t-talbiet attrici limitatament f’dan is-sens, jillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta’ tmienja u tletin lira sitta u sittin centezmu kif jirrizulta mill-ircevuta a fol 19 tal-process u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata fl-ammont ta Lm38.66 bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza u b’dan illi l-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------